**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Nru: 367/2013 MLF**

**Red Rock (Investments) Limited**
**vs**
**Kenneth Konrad Mallia Milanes**
**Lisa Anna Mallia Milanes nee Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu in solidum lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef u hames mitt Euro (EUR4500), li b'korrezzjoni awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti tas-6 t'Ottubru, 2014 din is-somma giet sostitwita bis-somma ta' disat elef u hames mitt Euro (€9,500), rapprezentanti arretrati ta' pagamenti dovuti fuq xiri ta' vettura Renault bin-numru ta' registrazzjoni DGV 091 kif miftiehem skond skrittura privata datata 2 ta' Mejju, 2012.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut Kenneth Mallia Milanes gie notifikat bir-rikors promotur kif korrett fil-21 t'Ottubru 2014.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2015, l-avukat difensur tas-socjeta attrici pprezentat seduta stante nota fejn irriduciet l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghal €4175.29, stante li kien sar pagament akkont mill-konvenuti fil-mori tad-diferriment.

Rat li l-konvenuta Lisa Anne Mallia Milanes giet notifikata bir-rikors promotur kif korrett fl-4 ta' Settembru 2015

Rat li l-konvenuti debitament notifikati bl-avviz promotur kif korrett, ma dehrux ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2015 u lanqas ipprezentaw risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-23 ta' Dicembru, 2015, lill-konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef mija u hamsa u sebghin Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€4175.29) bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**